497

€124.45

Tletin (30) ta' Jannar, elfejn u tlieta u ghoxrin (2023)

Bejgh maghmul minn **Joseph Debono**, mechanic, bin il-mejtin Emanuel Debono u Josephine nee' Said, imwieled Victoria Ghawdex fl-20 ta' Frar 1959, flimkien ma' martu **Dolores sive Doreen Debono**, mara tad-dar, bint il-mejtin Carmel Bugeja u Elizabeth nee' Portelli, imwielda Victoria Ghawdex fis-6 t'April 1963, t-tnejn residenti Nadur Ghawdex: karti tal-identita' rispettivament numri 19159(G) u [redacted] a favur ta' L-Avukatessa **Dottor Lydia Abela Zerafa**, bint Anthony Zerafa u Emanuela nee' Sciberras, imwielda Pieta' fit-18 t'Ottubru 1978, residenti Marsascala: karta tal-identita' numru 494378(M), flimkien ma zewgha l-Avukat **Dottor Robert Abela**, iben l-Avukat Dottor George Abela u Margaret nee' Cauchi, imwieled San Giljan fis-7 ta' Dicembru 1977, residenti Marsascala: detentur tal-karta tal-identita' numru 70478(M) tal-bicca raba' fl-inhawi maghrufa bhala *ta' Hanzira*, limiti Xewkija Ghawdex, u li ghandha l-access taghha minn Sqaq li jinfed fi Triq Sant'Indrija, Xewkija Ghawdex. Din l-art fiha l-kejl ta' tmin mija tnejn u erbghin metri kwadri (842 m.k.), u konfinanti lvant in parti ma' beni ohra tal-istess kompraturi u in parti ma' beni ta' terzi mhux maghrufa, nofsinhar ma' beni ta' Carmel u Mary, konjugi Portelli, u mill-irjieh l-ohra ma' beni ta' terzi mhux maghrufa.

Ghal kull bwon fini gie ddikjarat li l-vendituri bieghu l-art kollha li baqalhom minn art akbar li huma kienu xtraw bil-kuntratt tan-Nutar Mariosa Grech tat-tlieta u ghoxrin (23) t'Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Dan qed jinghad peress li meta huma kienu xtraw l-art fl-intier taghha, l- kejl totali hemm dikjarat kien ta' cirka elf mija sebgha u sebghin metri kwadri (1,177 m.k.), izda meta ricentement sar survey ta' din l-art il-kejl totali gie dikjarat bhala ta' cirka elf mija tmienja u hamsin metri kwadri (1,158 m.k.). Minn dan il-kejl totali, il-vendituri bieghu art tal-kejl ta' tlett mija u sittax-il metru kwadru (316 m.k.) lil Carmel u Mary, konjugi Portelli, b'kuntratt tan-Nutar Vicyana Apap tat-tnax (12) ta' Dicembru elfejn tnejn u ghoxrin (2022). Ghaldaqstant gie ddikjarat li r-rimanenti kejl kollu li baqa minn l-art gie mibjugh mill-vendituri lill-kompraturi fuq dan l-att.

Din l-art inbieghet bhala libera u franka minn kwalunkwe hlas ta' cnus, jew pizijiet ohra, u libera minn kwalunkwe servitu', inkluz libera minn kwalunkwe dritt ta' passagg favur terzi u/jew propjeta' ta' terzi, u qed tinbiegh bil-pussess vakant. Din l-art tgawdi l-access taghha minn Sqaq li jinfed fi Triq Sant'Indrija.

**NOT. ENZO DIMECH LL.D.**

Il-vendituri ddikjaraw li hadd mghandu dritt t'access minn dan l-isqaq. Huma ddikjaraw ukoll li l-bqija tal-art adjacenti ghal dik hawn mibjugha min-naha tan-nofsinhar, u li huma bieghu lil Carmel u Mary, konjugi Portelli, bil-kuntratt tan-Nutar Vicyana Apap tat-tnax (12) ta' Dicembru elfejn tnejn u ghoxrin (2022), mghandux dritt t'access minn dan l-isqaq li jizbokka fi Triq Sant'Indrija.

Dan il-bejgh sar bil-prezz ta' mija u hamsa u tletin elf Ewro (€ 135,000).

RIĊEVUTA LLUM

03 FEB 2023

6/0/2

NOT. ENZO DIMECH LL.D.